# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 1008/2017/LSO**

**Mark Drago (K.I. nru. 282769(M)) u Rita Drago (K.I. nru. 458370(M)) bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Andreas Drago, maghruf bhala Andrew Drago (K.I. nru. 0180102(L))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mark Drago (K.I. nru. 282769(M)) u Rita Drago (K.I. nru. 458370(M)) bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Andreas Drago, maghruf bhala Andrew Drago (K.I. nru. 0180102(L)) datat 2 ta’ Novembru 2017 fejn bil-gurament taghha Rita Drago (K.I. nru. 458370(M)), fil-kwalita` premessa u debitament awtorizzata kkonfermat illi : -

Raguni tat-Talba

Billi Andreas Drago hawn imsemmi, dejjem uza ghalih, u dejjem gie konsistentement imsejjah mill-familjari, l-iskola, mill-hbieb u konoxxenzi tieghu bl-isem ta' Andrew Drago, u billi din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni li tirrifletti dan, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbiet:

Jghid ghalhekk, il-konvenut, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi Andreas Drago (K.I. nru. 0180102(L)) fil-fatt kien konsistentement u ghandu jibqa' jkun maghruf bl-isem Andrew Drago;

2. Tordna lid-Direttur konvenut jaghmel dik l-annotazzjoni mehtiega fil-margini tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' skrizzjoni 1801/2002, b'dana b'hekk illi l-istess Andreas Drago jigi registrat bl-isem li konsistentement gie

imsejjah bih, u cioe` dak ta' Andrew Drago, u dan *at termini* tal-artikolu 253 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-Direttur konvenut jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta' Novembru 2017 (fol 35) fejn Dr Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tistqarr illi m'hijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi filwaqt li ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba kif dedotta, hija tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajtu huwa kien konsistentament imsejjah bhala 'Andrew' u mhux 'Andreas';

4. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponenti teccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fll-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, anness u mmarkat bhala Dok. DRP 1, l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata mid-dikjarant stess. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 16 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Carlos Bugeja ghall-atturi, l-attrici *noe* prezenti. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Bugeja ddikjara li m'ghandux aktar provi. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi ohra, izda zzomm ferm it-talba taghha dwar l-ispejjez. Il-partijiet qablu li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fis-7 ta' Novembru 2017 (fol 30-31) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem ta' binhom minuri kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett billi l-isem "Andreas Drago" jigi sostitwit bl-isem "Andrew Drago".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jipprovaw ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li binhom minuri kien u hu konsistentement maghruf bhala "Andrew". Ghal dan il-ghan, gew esebiti serje ta' dokumenti annessi mar-rikors promotur, fosthom certifikati skolastici u medici, li juru li binhom minuri kien dejjem imsejjah Andrew. Dan kollu hu sorrett permezz ta' xhieda mhux biss tar-rikorrenti imma ta' diversi familjari u hbieb taghhom.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li binhom kien u ghadu konsistentement maghruf bl-isem "Andrew", kwindi t-talba taghhom hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Billi ma jirrizutax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid (Dok DRP1) taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li binhom minuri hu konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem “Andrew” u kwindi tilqa' t-tieni talba u tordna li l-isem "Andrew" jigi registrat minflok l-isem "Andreas" fuq l-Att tat-Twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni elf, tmien mija u wiehed tas-sena elfejn u tnejn (1801/2002) fit-termini tal-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**